**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 167/11VG**

**Clinton Zammit**

**Vs**

**Giselle Bennie**

**Illum 5 ta' Mejju 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Clinton Zammit fil-25 ta' Mejju 2011 permezz ta' liema jitlob li Giselle Bennie tigi kkundannata thallsu s-somma ta' tmint elef tlett mija u disa' Euro u sitta u hamsin centezmu (€8,309.56), liema somma tirrapprezenta prezz ta' xoghlijiet imwettqa u materjali suppliti fuq ordni ta' l-istess Giselle Bennie fil-fond 12, Triq il-Bidni, Marsascala, u dan skond prospett anness mar-Rikors markat bhala Dok. "A", liema ammont hija baqghet ma hallsitx nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-istess Giselle Bennie;

Rat id-dokument anness mar-Rikors promotur markat Dok. "A" a fol. 2 tal-process;

Rat ir-Risposta ta' Giselle Bennie permezz ta' liema topponi ghat-talba ta' l-attur a bazi tas-segwenti eccezzjonijiet: (i) preliminarjament, l-intempestività ta' l-azzjoni attrici ghaliex hija qatt ma rrifjutat li thallas lill-attur ghax-xoghol minnu esegwit skond is-sengha u l-arti, izda tinsisti li thallas biss l-ammont li huwa realment minnha dovut; (ii) it-talbiet attrici fl-ammont reklamat huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li parti sostanzjali mix-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti u hija kellha tinkorri fi spejjez sabiex tinkariga lil terzi halli jezegwixxu x-xoghlijiet rimedjali mehtiega u l-ammont reklamat huwa wiehed ezagerat u eccessiv; u (iii) l-ammont minnha realment dovut lill-attur, meta jitqies il-

valur tax-xogħlijiet li huwa verament esegwixxa u l-ispejjeż inkorsi minnha f'xogħlijiet rimedjali, jammonta biss għal €3,090.67;

Semgħet ix-xhieda tal-konvenuta mogħtija waqt is-seduti tas-16 ta' Jannar 2012[1], ta' l-4 ta' Ġunju 2012[2] u tas-7 ta' Ottubru 2013[3] u rat id-dokumenti esebiti mill-konvenuta markati Dok. "GB1" sa' Dok. "GB4" a fol. 13 sa' 35 tal-process, id-dokumenti esebiti permezz ta' Nota pprezentata fil-15 ta' Ottubru 2012 a fol. 59 sa' 85 tal-process u d-dokumenti esebiti permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Ġunju 2013 a fol. 90 sa' 92 tal-process u d-dokumenti markati Dok. "GB1" sa' Dok. "GB3" a fol.117 sa' 134 tal-process, semgħet ix-xhieda ta' l-Inġinier John Muscat mogħtija waqt is-seduti tal-5 ta' Marzu 2012[4] u tas-7 ta' Ottubru 2013[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JM1" a fol. 42 tal-process u Dok. "JM1" a fol. 108 sa' 116 tal-process, semgħet ix-xhieda ta' l-attur mogħtija waqt is-seduti tas-17 ta' Ġunju 2013[6] u ta' l-20 ta' Ottubru 2014[7] u rat l-affidavit ta' l-attur u d-dokumenti annessi miegħu markati Dok. "A" sa' Dok. "NN" esebiti permezz ta' Nota pprezentata fis-26 ta' Novembru 2013 a fol. 155 sa' 213 tal-process;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' €8,309.56, rappreżentanti prezz ta' xogħlijiet imwettqa u materjali suppliti fuq inkarigu tagħha fil-fond 12, Triq il-Bidni, Marsascala. Mid-dokument markat Dok. "A" anness mar-Rikors promotur jirriżulta li bħala fatt il-prezz tax-xogħlijiet imwettqa u materjali suppliti pretiż mill-attur huwa ta' €7,042.00, li jitla' għal €8,309.56 meta tiżdied il-VAT bi 18% ammontanti appuntu għal €1,267.56.

Il-konvenuta topponi għat-talba ta' l-attur u tikkontendi li: (i) preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija intempestiva għaliex hija qatt ma irrifjutat li tħallas lill-attur għax-xogħol minnu esegwit skond is-sengħa u l-arti, iżda tinsisti li tħallas biss l-ammont li huwa realment minnha dovut; (ii) it-talbiet attriċi fl-ammont reklamat huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-attur, stante li parti sostanzjali mix-xogħol ma ġiex esegwit skond is-sengħa u l-arti u hija kellha tinkorri fi spejjeż sabiex tinkariga lil terzi ħalli jeżegwixxu x-xogħlijiet rimedjali meħtieġa u l-ammont reklamata huw wiehed eżaġerat u eċċessiv; u (iii) l-ammont

[1] Fol. 36 sa' 40 tal-process.
[2] Fol. 48 sa' 57 tal-process.
[3] Fol. 135 sa' 140 tal-process.
[4] Fol. 43 sa' 45 tal-process.
[5] Fol. 141 sa' 150 tal-process.
[6] Fol. 93 sa' 104 tal-process.
[7] Fol. 219 sa' 230 tal-process.

minnha realment dovut lill-attur, meta jitqies il-valur tax-xoghlijiet li huwa verament esegwixxa u l-ispejjez inkorsi minnha f'xoghlijiet rimedjali, jammonta biss ghal €3,090.67.

Waqt is-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2011 il-partijiet kontendenti qablu li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ghandu jkun hemm l-inverzjoni tal-provi, b'dana li tibda bil-provi taghha l-ewwel il-konvenuta.

In sostenn ta' l-opposizzjoni taghha ghat-talba attrici, il-konvenuta, oltre li xehdet hija stess fejn tat kwadru tal-fatti relattivi ghal dan il-kaz[8], ressqet bhala xhud lill-Inginier John Muscat li spezzjona x-xoghlijiet esegwiti mill-attur fil-fond proprjetà taghha saz-zmien meta nqala' d-disgwid bejniethom dwar il-hlas, u vvaluta l-prezz tax-xoghol hekk esegwit. Ghad illi l-attur qed jippretendi hlas minghand il-konvenuta ghax-xoghol minnu esegwit u materjal supplit fl-ammont ta' €7,042, oltre l-VAT[9], l-Inginier Muscat ikkonkluda li ghall-kwantità u kwalità ta' xoghol esegwit mill-attur saz-zmien meta nqala' d-disgwid bejnu u il-konvenuta, l-istess attur ghandu jithallas biss is-somma ta' €4,328.55, oltre il-VAT ammontanti ghal €779.14, b'kollox €5,107.68[10].

Waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2012[11], l-Inginier Muscat spjega kif wasal ghall-figura finali ta' €4,328.55, oltre l-VAT, bhala l-prezz tax-xoghlijiet esegwiti mill-attur saz-zmien meta nqala' d-disgwid mal-konvenuta, ghall-kwantità u kwalità tax-xoghlijiet esegwiti minnu. Huwa xehed illi *kont ircevejt telefonata minghand il-konvenuta fejn infurmatni li l-attur kien talabha pagament ta' kont tax-xoghol li kien qed jaghmel, u qaltli li hi dehrilha li dan l-ammont kien gholi wisq. Meta jiena kont rajt l-ammont li kien qed jigi mitlub deherli li kien prima facie eccessiv, madanakollu lill-konvenuta spjegajtilha li ma stajtx naghmel gudizzju dak il-hin ghax kelli nerga' nara l-bill of quantities, nara x-xoghol li kien sar, jittiehed il-kejl imbaghad tinhadem il-figura. Jiena fil-fatt kont ergajt mort fil-post tal-konvenuta u kont hadt il-kejl ta' dawk l-affarijiet li jigu determinati bil-kejl u l-kwantitajiet ta' dawk l-affarijiet. L-affarijiet li jitkejjlu bil-kejl huma per ezempju cables filwaqt li socket outlets, dawk jinghadu bil-kwantità. Meta jiena accedejt fil-post rajt affarijiet li ghalkemm kienu mibdijin però ma kienux kompleti, allura meta jiena hrigt il-figura jiena hrigt percentage completion rate. Jien in segwitu ghal din l-ispezzjoni kont fil-fatt hejjet rapport ghall-konvenuta. Jiena nahdem taht l-isem Dewpoint Consultancy Services Limited, qed nigi muri d-dokument GB3 minn fol. 17 sa' 31 tal-process u nikkonferma li dan huwa kopja tar-rapport li jien kont ippreparajt ghall-konvenuta. Meta jien accedejt biex nara x-xoghlijiet li kien ghamel l-attur, kelli nippenalizzah fir-rigward tal-kwalità tax-xoghol minnu esegwit fil-lighting installation peress li dan ma kienx sar*

[8] Xhieda moghtija waqt is-seduti tas-16 ta' Jannar 2012, fol. 36 sa' 40 tal-process, xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2012, fol. 48 sa' 57 tal-process, u xhieda moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013, fol. 135 sa' 140 tal-process u dokumenti esebiti a fol. 13 sa' 35 tal-process, a fol. 60 sa' 85 tal-process, a fol. 91 u 92 tal-process u a fol. 117 sa' 134 tal-process.
[9] Dok. "A" a fol. 2 tal-process.
[10] Dok. "GB3" a fol. 15 sa' 32 tal-process.
[11] Fol. 43 sa' 45 tal-process.

*skond is-sengha u l-arti. Fil-fatt kien hemm certi postijiet fejn il-cable kellu jghaddi kontinwu izda dan inqata' u kellhom isiru l-gonot. Dan jirrizulta fir-rapport li jien ghamilt f'item A15 fejn l-50 percent completion tirrifletti l-fatt li dan ix-xoghol ma sarx kollu skond is-sengha u l-arti.*

In kontro-ezami waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013[12], l-Inginier Muscat rega' tenna li *meta nghid first u second fix hafna drabi nitkellmu fuq ix-xoghol ta' l-elettriku, u f'dan il-kaz ejja nghidu li s-second fix kien f'livell avvanzat, imma per ezempju s-section tal-plumbing nghid li lanqas kienet ghadha mimsusa xejn. Is-second fix jien ghamilt accenn partikolari fix-xhieda tieghi u nerga' nghidha hawn, kien hemm item sostanzjali li jirrigwardja is-circuits tal-luce elettrica, ta' l-elettriku kollu tad-dar li kien iwwarjat hazin. Sussegwentement kellna naqilghu kollox allura dak li kien lest anke mis-second fix effettivament ghandu jigi kumpensat tieghu sal-first fix biss, ghax dak ix-xoghol intrema u kellu jerga' jsir. … dan huwa dak il-bill of quantity item number 15 li jittratta dwar il-lighting circuits, il-mod kif l-attur ippjana l-installazzjoni kien ihaffef hafna x-xoghol ta' waqt l-installazzjoni, imma imbaghad il-kwalità ta' l-installazzjoni long term ikun hafna inqas minn dak li jkun mixtieq. … il-gonot ma kienux ghadhom hemm imma f'kull termination box jew switch jew inkella ceiling rose tas-saqaf, kien hemm hafna truf ta' cables ma kien hemm l-ebda cable jillupja kontinwu minghajr ma jinqata' minn go l-istess kaxxa. Jigifieri dak ifisser li l-intenzjoni ta' min pprepara dak ix-xoghol kien li hemm kien se jkun hemm gonta f'kull kaz. … fis-ceiling roses kien hemm il-cables ippreparati, kollha kienu maqtughin u fil-fatt m'ghandux isir hekk, ftit minnhom ghandhom ikunu maqtughin u ftit minnhom ghandhom jidhul gol-kaxxa u jipprocedu ghall-kaxxa li jmiss minghajr ma jinqatghu. Jekk jinqatghu ifisser li meta ha jigu ghat-third fix, jigifieri biex iwahhlu l-bozzoz u l-switches kien ikollhom iggantuwhom. Jigifieri jien qed nghid, gonot fizici jiena ma rajtx imma jidher car li x-xoghol kif kien, kien se jkun hemm il-gonot.*

In risposta ghall-mistoqsija *fl-A15, li konna qed nitkellmu fuqu, ghandek actual quantity, f'A15 10, issa l-mistoqsija hija din, int dawn il-points fejn hemm actual quantity, 10 per ezempju, int mort u ghaddejthom dawn?* l-Inginier Muscat wiegeb *iva, mhux talli mort u ghoddejthom, talli fit-tieni kolonna li tigi A 15A, tghid 1 point controlled by 1 switch u nkompli bl-ahmar gol brackets, qieghed mhux nikkwantifikahom biss imma qieghed insemmihom b'isimhom, qed nirreferi ghall-pjanta u qed nghid returns number 7, 17, 25, 31 etc. Jigifieri minnhom hemm 10 u mhux qed nikkwantifikahom biss imma qed nidentifikahom ukoll, qed insemmihom ukoll, u dan japplika f'kull kaz* u in risposta ghall-mistoqsija ulterjuri *int ghidt ukoll li l-ammont ta' 5,107.68 jinkludi l-hlas ghall-materjal uzat, jigifieri int ma hadtx in konsiderazzjoni fil-quote tieghek jekk kienx hemm xi materjal li ma giex uzat fuq il-post?* l-Inginier Muscat wiegeb *le, jekk kien hemm*

[12] Fol. 141 sa' 150 tal-process.

*materjal fuq il-post li ma giex uzat zgur li mhux imdahhal f'din l-evalwazzjoni.*

L-attur irribatta ghal dan kollu billi xehed huwa stess u esebixxa serie ta' dokumenti, fosthom kont dettaljat mahrug fit-3 ta' Ottubru li skontu juri kif wasal ghall-figura ta' circa €7,000 minnu pretiza minghand il-konvenuta. Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju 2013[13] l-attur iddikjara li s-sitwazzjoni eskalat bil-mod kif ghamlet ghar-raguni li l-konvenuta ripetutament injorat it-talbiet verbali tieghu ghall-hlas ta' *deposit* ghax-xoghol li huwa kien inkarigat jesegwixxi. L-attur jafferma li kien ilu mill-bidu ta' l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet jitlobha *deposit* izda l-konvenuta dejjem tittrattjeni u d-*deposit* ma thallsux sakemm fl-ahhar qalilha li jekk mhux se thallsu *deposit* huwa ma kienx se jkompli x-xoghol. Skond l-attur ghal dan il-konvenuta rreagiet billi baghtitlu *email* fejn qaltlu *your job will be terminated*. Ghall-mistoqsija tal-Qorti *u sa' fejn ilhaqt wasalt meta rcevejt din l-email?* l-attur wiegeb *ghamilt kwazi second fix kollha. Ahna ghandna first fix inqattghu t-trinek u nghaddu l-pipijiet u second fix nghaddu l-wiring ta' kullimkien u third fix inwahhlu l-white accessories, jigifieri finishes. Mela bhala termination ma kien hemm imkien just ix-xoghol lest biex jiksi l-bajjad.* L-attur kompla jixhed illi *imbaghad ghedtilha li jiena ma stajtx nibqa' nahdem u waqaft. Ergajt tlabtha id-deposit imqar kemm inkun nista' nhallas il-pagi u lis-suppliers tal-materjal u nkun nista' nkompli. … Imbaghad jiena tlabtha deposit fuq l-ammonti u deposit m'hemmx ghalfejn ikun specific amount imbaghad meta qaltli li gejt terminated bilfors riedet kif hrigt dik ic-cifra jiena u kellna nohorgulha invoice ta' dawk l-ammonti. … Iva hrignilha invoice u jiena nibqa' dejjem nghid li jekk id-deposit wasal ma konniex naslu s'hawn ghax jiena ma kelli l-ebda problema ma' din il-mara, il-problema kien biss l-ewwel deposit.*

In kontro-ezami l-attur però ma kienx daqstant car dwar kemm kien qed jippretendi bhala *deposit* minghand il-konvenuta. L-ewwel qal li dan ma kienx ammont specifiku, imbaghad qal li kien ammont bejn €3,000 jew €5,000, imbaghad jerga' qal li ma setghax jiftakar kemm talabha, izda imbaghad irrizulta li fiz-zmien meta ntalab jaghti *breakdown* ta' l-ammont minnu mitlub, dan l-ammont kien l-ewwel ta' €7,000, li wara jumejn tela' ghal €8,000. L-attur spjega li s-somma ta' €7,000 kienet tirrapprezenta l-valur tax-xoghol li lahaq esegwixxa sa' dak l-istadju w imbaghad ghamel talba addizzjonali ta' €1,000 sabiex ikun jista' jixtri l-*cables* peress li kien se jesegwixxi x-xoghol ta' landscaping fuq barra. L-attur sahaq li sa' l-istadju meta inqala' d-disgwid mal-konvenuta huwa kien lesta sas-second fix kullimkien u rinfaccjat bil-konstatazzjoni ta' l-Inginier Muscat li certu xoghol li huwa ippretenda hlas tieghu fil-fatt ma kienx lest, l-attur wiegeb *nitolbok taghtihomli dawk li ma kienux lesti.*

---

[13] Fol. 93 sa' 104 tal-process.

In segwitu ghax-xhieda moghtija waqt l-imsemmija seduta tas-17 ta' Gunju 2013 l-attur ipprezenta affidavit[14], b'numru ta' dokumenti annessi mieghu, fejn fost affarijiet ohra ddikjara li *l-Inginier Muscat qal fix-xhieda tieghu li t-tieni fix kien f'livell avvanzat, però li l-plumbing 'nghid li lanqas kienet ghadha minsusa xejn'. Dan m'hu veru xejn, anzi mir-ritratti (hawn annessi u mmarkati bhala Dok. B, C, D, E u F) tad-dar ta' Giselle jidher bic-car illi s-sistema tal-plumbing kienet fi stat avvanzat hafna. Mir-ritratti (Dok. D, E u F) jidhru l-katusi tal-fuhhar ta' l-ilma tal-bejt kollha lesti u dan peress illi f'Settembru imdorri jaghmel ix-xita u ma riedx li jkun hemm flooding, kif ukoll il-kmamar tal-banju (Dok. B, C, E u F) lesti bil-pajpijiet u bil-fittings biex jehlu l-accessorji maghhom. Jiena kont ilhaqt ippreparajt il-pajpijiet tad-drenagg ukoll li jidhru mir-ritratti esebiti. Dawn ir-ritratti jiena kont nohodhom kultant bil-mobajl u wkoll bil-camera tar-ritratti tieghi biex ikolli referenza tax-xoghol li ghamilt u li ghad baqa'. Li kieku kont naf li kont ser nispicca f'din is-sitwazzjoni kont niehu hafna iktar ritratti dettaljati tax-xoghol li ghamilt fis-sistema tal-plumbing kif ukoll fl-elettriku li m'ghandix ritratti taghhom illum. L-Inginier jghid ukoll li l-elettriku kollu tad-dar kien iwwarjat hazin. Jiena mxejt mal-pjanti ta' l-Inginier stess biex ghamilt il-wiring ta' l-elettriku u jiena ilni f'dan ix-xoghol ghal iktar minn ghaxar snin u qatt ma kelli problemi bhal dawn. Ghalhekk, jiena ghandi nghid illi l-wiring sar, kif dejjem isir skond is-sengha u l-arti u dejjem skond ir-regolamenti ta' l-IEE, ghalhekk dak li jghid l-Inginier certament mhux minnu. Fir-rigward tal-kontijiet li kont tajt lil Giselle, wara li jiena kont lestejt l-ewwel u t-tieni fix tad-dar kollha, kont bghattilha kont dettaljat datat 3 ta' Ottubru 2010 (hawn anness u mmarkat bhala Dok. G) – dan huwa kont ibbazat fuq l-istess Bill of Quantities li konna qbilna fuqu jiena u Giselle wara li kont naqqastilha xi rati fuq rikjesta taghha – liema kont jammonta ghal €10,891.02 (VAT inkluz), izda jiena ma kontx staqsejtha biex thallas dan l-ammont kollu l-ghaliex kien hemm xi affarijiet li kienu ghadhom ma sarux. Jiena sa dakinhar kont tlabtha biss verbalment ghal €7,000 u fil-fatt jiena mbaghad hrigtilha kont datat 15 ta' Novembru 2010 ghas-somma ta' €7,042 (VAT eskluz) liema kont jirreferi ghall-kont tat-3 ta' Ottubru 2010 u li jkopri biss dawk ix-xoghlijiet illi kienu effettivament saru, izda Giselle xorta baqghet ma hallset xejn minn dan l-ammont li certament mhuwiex esagerat u li huwa skond il-Bill of Quantities li qbilna fuqu. Illi fir-rigward ta' l-ammont ta' €8,000 li kont saqsejtha ghalihom verbalment, dan kien minhabba li kelli nixtri cables li kienu jammontaw ghal ammont sostanzjali u kont ghalhekk tlabtha ghal ammont addizzjonali li fil-fatt kont hallasthom jiena stess kif jidher mill-ircevuti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. H u I. Dan il-kont tal-15 ta' Novembru 2010 ma kienx rah l-Inginier Muscat il-ghaliex Giselle ma rieditx illi l-Inginier jigi ta' spiss u kienet qaltli biex nohorgu certifikat wiehed fl-ahhar u dan sabiex l-Inginier jigi darba biss. Ghalhekk jiena ma kellix 'certificates of payments' f'dak l-istadju. Normalment jiena dejjem insaqsi ghal depositu malli nibda x-xoghol, izda ghalkemm kont staqsejtha ghal depositu, hi kienet dejjem tghidli li ha tkun*

[14] Dok. "CZ" a fol. 156 sa' 158 tal-process.

*imsiefra u li meta tigi Malta thallasni d-deposit u jiena sadanittant kont bdejt bix-xoghol peress illi kellha programm li riditni nimxi mieghu, però baqghet lanqas depositu ma tatni. Anke d-dettalji taghha ma ridietx ittihomli u kelli nfittex fir-registru elettorali biex insibhom.*

In kontro-ezami waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2014[15], rinfaccjat mill-gdid bir-rapport ta' l-Inginier Muscat, l-attur xehed illi *f'dak ir-rapport kien hemm imnaqqsin xi hsara li dahhalhom hu* [ossia l-Inginier] *mentri hsarat ahna ma ghamilna xejn. Fil-fatt fir-ritratti li pprezentajna ma hemm l-ebda hsarat iddikjarati, kollox kif suppost kien jigifieri ma nafx minn fejn gie dan it-tnaqqis*. Ghall-mistoqsija *imma r-ritratti ma nahsibx illi l-hsarat fl-elettriku tarahom bl-ghajnejn*? l-attur wiegeb *imma l-hsarat li semma l-Inginier kisi mhux elettriku.* Ghall-mistoqisja *ghar-rapport ta' l-Inginier Muscat, jiena spjegali fir-rapport ta' l-Inginier Muscat x'hemm hazin? Dik nixtieqek tispjegali ghaliex mibni fuq il-kont tieghek, imbaghad ra x'effettivament x'ghamilt u x'ma ghamiltx. Spjegalna fejn huwa hazin ir-rapport u l-kont ta' l-Inginier Muscat*? l-attur semplicement wiegeb *bhal ma diga' ghidtlek li rajt li nista' niftakar kienet certu tal-kisi kien hemm xi hsara imma rrid nerga' narah nghidlek id-dritt*. Fuq insistenza biex jaghti l-veduti tieghu dwar ir-rapport ta' l-Inginier Muscat u ghaliex ma jaqbilx mieghu l-attur semplicement iddikjara li ghalkemm l-Inginier iccertifika li certu xoghol ma kienx kollu komplut, per ezempju qal li kien 60% complete jew 70% complete, l-attur qal li ghalih ix-xoghol kien kollu komplut.

Minn konsiderazzjoni tax-xhieda moghtija mill-attur in sostenn tat-talba tieghu fil-konfront tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' €8,309.56 u tax-xhieda moghtija mill-Inginier Muscat in sostenn tal-posizzjoni tal-konvenuta li l-ammont pretiz mill-attur huwa ezagerat, il-Qorti hija tal-fehma li huwa iktar kredibbli l-Inginier Muscat u konsegwentement hija iktar inklinata li tqis il-valuri kalkolati mill-imsemmi Inginier bhala li jirrapprezentaw il-valur attwali li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur ghall-kwantità u kwalità ta' xoghol minnu esegwit fil-fond proprjetà taghha.

L-attur ma huwiex affattu kredibbli minhabba diversi inkongruwenzi fix-xhieda tieghu u minhabba numru ta' affermazzjonijiet maghmula minnu li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma jaghmlux wisq sens. Jibda biex jigi osservat li l-attur già irrizulta bhala mhux kredibbli fix-xhieda li ta in ezami waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju 2013 fejn ma kienx f'posizzjoni jghid bl-ezatt kemm kien l-ammont li huwa stess kien u ghadu qed jitlob minghand il-konvenuta. L-ewwel l-attur afferma li kien qed jitlob *deposit* imma mhux f'xi valur specifiku, in segwitu afferma li kien qed jitlob bejn €3,000 u €5,000 u imbaghad afferma li ma setghax jiftakar kemm kien qed jitlob bhala *deposit* minghand il-konvenuta. Finalment irrizulta li qed jitlob hlas ta' €8,000, €7,000 minnhom ghax-xoghol esegwit sa' dak l-istadju u €1,000 biex ikun jista' jixtri l-cables ghax-xoghol ta' landscaping fuq barra. Din it-titubanza fir-rigward tal-

[15] Fol. 219 sa' 230 tal-process.

pretensjonijiet minnu issa avvanzati fil-konfront tal-konvenuta serjament tpoggi fid-dubju l-kredibilità ta' l-attur u l-veracità u fondatezza tal-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuta.

Apparte minn hekk, ghal dak li jirrigwarda l-ammont issa pretiz mill-attur minghand il-konvenuta l-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li l-mod kif huwa ipprova jiggustifika t-talba tieghu ma huwiex affattu konvincenti. Meta l-konvenuta talbet *breakdown* ta' l-ammont ta' €8,000 li l-attur talabha verbalment, l-istess attur ipprovdielha kont datat 3 ta' Ottubru – li mix-xhieda tieghu irrizulta li nhareg fit-3 ta' Ottubru 2010 – ghall-valur ta' €9,229.58 flimkien ma' €1,661.34 bhala VAT, komplessivament ammontanti ghal €10,891.02. Minn ezami ta' dan il-kont mill-ewwel jirrizulta evidenti li s-somma komplessiva ta' €10,891.02 tinkludi xoghlijiet li sa' dak l-istadju kienu ghadhom ma gewx esegwiti. L-iskuza ta' l-attur fir-rigward hija li *jiena ma kontx staqsejtha biex thallas dan l-ammont kollu l-ghaliex kien hemm xi affarijiet li kienu ghadhom ma sarux. Jiena sa dakinhar kont tlabtha biss verbalment ghal €7,000 u fil-fatt jiena mbaghad hrigtilha kont datat 15 ta' Novembru 2010 ghas-somma ta' €7,042 (VAT eskluz) liema kont jirreferi ghall-kont tat-3 ta' Ottubru 2010 u li jkopri biss dawk ix-xoghlijiet illi kienu effettivament saru.* Hawnhekk tqum spontaneja d-domanda, jekk il-konvenuta talbet *breakdown* ta' somma ben determinata u l-attur seta' jaghti tali *breakdown*, ghaliex eventwalment hareg il-kont fil-15 ta' Novembru 2010, x'kienet ir-raguni ghalfejn fit-3 ta' Ottubru 2010 baghat lill-konvenuta kont ghall-valur ta' €10,891.02? Il-fatt li l-attur kien qed jitlob biss €7,000, oltre s-somma ta' €1,000 li talab immedjatament biex ikopri spejjez ta' materjal, senjatament cables, mis-somma indikata fil-kont datat 3 ta' Ottubru 2010 ma huwiex sufficjenti biex jiggustifika u wisq inqas jispjega l-agir ta' l-attur.

In kwantu rigwarda l-kont mahrug mill-attur bid-data 15 ta' Novembru 2010, il-Qorti mill-ewwel tosserva li t-talba ta' l-attur ghall-hlas tas-somma ta' €442 ghal xoghol ta' plumbing li skontu lahaq gie esegwit sa' dak l-istadju ma tirrizultax debitament ippruvata. Fl-ewwel lok jigi osservat li fil-kont datat 3 ta' Ottubru 2010, li skont l-attur jikkostitwixxi l-bazi tal-kont datat 15 ta' Novembru 2010, imkien ma tirrizulta l-figura ta' €442. Apparte minn hekk, ghalkemm ghall-maggor parti tax-xoghlijiet esegwiti – anke fejn l-attur talab hlas – il-konteggi saru billi ttiehdu in konsiderazzjoni l-kwantità ta' xoghol esegwit u r-rata miftiehma mal-konvenuta, biex b'hekk inhareg total eskluza l-VAT, u tali total, fejn applikabbli, gie indikat fl-ahhar kolonna ta' kull faccata tal-kont taht l-intestatura *Value* u inhareg total finali, fil-kaz tax-xoghol ta' plumbing li kien kontemplat taht is-sezzjoni B tal-kont imsemmi, tali valur finali taht il-kolonna intestata *Value* ma nhadimx. B'hekk il-Qorti mill-gdid issaqsi kif l-attur hareg bil-figura ta' €442 fil-kont tal-15 ta' Novembru 2010 meta tali figura ma hijiex assolutament riflessa fil-kont precedenti tat-3 ta' Ottubru 2010 ghad illi, skond l-istess attur, saz-zmien meta nqala' d-disgwid mal-konvenuta tali xoghol ta' plumbing kien jinsab fi stadju avvanzat? Risposta sodisfacenti ghal tali kwezit ma tirrizultax u ghalhekk il-Qorti ttenni

l-fehma taghha li l-attur ma huwiex affattu konvincenti f'dak minnu affermat in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuta.

Anke l-mod kif l-attur ghazel li jikkritika r-rapport ta' l-Inginier Muscat ipoggi fid-dubju l-kredibilità tieghu u l-fondatezza tal-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuta. Il-kritika ta' l-attur versu r-rapport ta' l-Inginier Muscat ma hijiex affattu soda, kif wiehed jistenna li ghandha tkun kritika ta' rapport ingustifikat, kif l-attur donnu jippretendi li hu r-rapport ta' l-Inginier Muscat. Apparte minn hekk fil-kritika, jekk tista' tissejjah hekk, li l-attur jaghmel ta' tali rapport huwa jaqbad ma' aspetti li in verità ma jirrizultawx minn tali rapport, bhal ma hi ad ezempju l-kwistjoni tal-kisi fejn l-attur jghid illi l-Inginier Muscat ikkonstata li kien hemm il-hsara fil-kisi. Il-hsarat, jew ahjar difetti fix-xoghol esegwit mill-attur riskontrati mill-Inginier Muscat ma kienux fil-kisi izda fis-sistema ta' l-elettriku li skontu kien mghoddi hazin ghaliex kienet ser tirrizulta f'hafna gonot li fl-ahhar mill-ahhar kienu se jnaqqsu hafna mill-kwalità tax-xoghol ahhari. Stranament l-attur ma jsemmi assolutament xejn dwar dawn il-gonot izda semplicement jghid li huwa esegwixxa x-xoghol skond il-pjanti ta' l-Inginier tal-konvenuta u waqt il-kontro-ezami ta' l-Inginier Muscat donnu jaghti *ad intendere* li jekk ix-xoghol gie li ghandu xi difetti fih, dan huwa tort tax-xoghol hazin li sar mill-electrician li kien jahdem fil-fond qablu.

F'tali rigward jigi osservat li apparte l-fatt li l-kwistjoni ma hijiex tant li l-attur ma mexiex skond il-pjanti ta' l-Inginier tal-konvenuta w apparte l-fatt ukoll li l-allegazzjoni li x-xoghol kien inbeda hazin mill-electrician ta' qablu ma giet bl-ebda mod ippruvata, xorta jibqa' l-fatt li *l'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell' arte sua, e deve prestare almeno una capacità ordinaria. In effetti, huwa ghandu jiggarantixxi l-bontà tax-xoghol tieghu u din il-garanzija hi implicita, tant li huwa tenut anke ghall-kopla ljevi. … L-appaltatur ghandu jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dana x-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem*[16]. B'hekk l-attur certament ma jistax jippretendi li jehles mir-responsabilitajiet tieghu billi jipprova jixhed it-tort fuq terza persuna, senjatament fuq l-Inginier li hejja l-pjanti u/jew fuq l-electrician li kien hadem fil-fond tal-konvenuta qablu.

Jigi in fine osservat li meta l-attur ipprova jiggusitfika t-talba tieghu ghal €1,000 biex jixtri l-cables necessarji fil-kuntest tax-xoghol ta' landscaping fuq barra, huwa afferma li finalment tali cables spicca biex hallas ghalihom hu skond ricevuti annessi ma' l-affidaivt. Id-dokumenti annessi ma' l-affidavit tieghu in verità ma humiex ricevuti izda fatturi, in effetti l-kliem *cash sale* gew maqtugh u thalliet biss il-kelma *invoice*, u bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu li

[16] Christine Saliba et v. Emanuel Briffa, Citaz. Nru. 937/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Gunju 2003.

jikkostitwixxu prova ta' pagament, wisq inqas pagament ghal xi cables, stante li mid-dokumenti annessi ma jirrizultax minn min inhargu u lanqas dwar xiex ezattament jirreferu.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti tirribadixxi li l-attur ma irrizultax affattu kredibbli f'dak minnu affermat filwaqt illi l-Inginier Muscat irrizulta ferm iktar koerenti fl-ispejgazzjonijiet moghtija minnu in sostenn ta' u dwar ir-rapport minnu imhejji dwar il-kwalità u kwantità ta' xoghol esegwit mill-attur sa' l-istadju meta nqala' d-disgwid mal-konvenuta. Il-Qorti lanqas tista' tinjora l-fatt li l-Inginier Muscat hareg ir-rapport tieghu wara spezzjoni fizika fuq il-lant tax-xoghol u allura seta' jiddetermina b'mod akkurat mhux biss il-kwalità tax-xoghol esegwit mill-attur – li f'certa aspetti sabha karenti – izda anke il-kwantità ta' xoghol esegwit mill-attur – li wkoll f'certa aspetti sabha f'kwantità differenti minn dik indikata mill-attur fil-kont datat 3 ta' Ottubru 2010 u replikata fil-kont sussegwenti datat 15 ta' Novembru 2010.

B'hekk peress illi r-rapport ta' l-Inginier Muscat irrizulta l-iktar element probatorju attendibbli f'dawn il-proceduri, il-Qorti tqis li l-valur tax-xoghlijiet esegwiti mill-attur kif u fil-kwantità minnu effettivament esegwiti sa' l-istadju meta nqala' d-disgwid mal-konvenuta huwa ta' €4,328.55, li flimkien ma' €779.14 VAT, komplessivament jammonta ghal **€5,107.68**.

Mic-Cedola ta' Depozitu bin-Numru 2202/11 fl-ismijiet Giselle Bennie v. Clinton Zammit ipprezentata quddiem din il-Qorti, esebita mill-konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Gunju 2013 a fol. 90 u 91 tal-process, jirrizulta b'mod car li l-istess konvenuta qed tnaqqas mill-ammont ta' €5,107.68 is-somma ta' €1,329.86 rapprezentanti drittijiet professjonali ta' l-Inginier Muscat, inkluza l-VAT, ghall-ispezzjoni tal-fond u rilaxx ta' rapport li saru necessarji minhabba *Severance of Contractual Relationship* ma' l-attur u s-somma ulterjuri ta' €687.16 rapprezentanti l-valur tax-xoghlijiet rimedjali ta' tikhil u tibjid li hija kellha tesegwixxi, b'dana ghalhekk li skontha l-valur minnha dovut lill-attur ghax-xoghol minnu esegwit fil-fond proprjetà taghha huwa ta' €3,090.67 – liema somma giet minnha effettivament depozitata taht l-Awtorità tal-Qorti bis-sahha ta' l-imsemmija Cedola ta' Depozitu.

Ghalkemm il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez inkorsi mill-konvenuta minhabba l-agir tieghu u anke minhabba x-xoghol kif esegwit minnu, jibqa' l-fatt li l-konvenuta ghandha tressaq prova sodisfacenti ta' tali danni. Ghalkemm il-prova fir-rigward tad-drittijiet professjonali ta' l-Inginier Muscat saret u dana kemm bl-esebizzjoni tal-kont ta' l-Inginier Muscat kif ukoll bil-konferma da parte ta' l-istess Inginier li huwa thallas dak l-ammont mill-konvenuta[17], il-prova fir-rigward tal-valur tax-xoghlijiet rimedjali ma saritx u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova l-Qorti ma tistax takkorda a favur il-konvenuta l-ammont minnha reklamat bhala l-valur ta' tali xoghlijiet rimedjali, ossia s-somma ta' €687.16. B'hekk fil-fehma tal-

[17] Dok. "JM1" a fol. 42 tal-process u xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, fol. 43 sa' 45 tal-process.

Qorti l-ammont dovut mill-konvenuta lill-attur huwa ta' **€3,777.82**, liema ammont jinkludi l-VAT.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet taghha u konsegwentement tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' €3,777.82, liema ammont jinkludi l-VAT, u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €3,777.82, bl-imghax legali dekoribbli limitatament fuq is-somma ta' €687.16, li hija d-differenza bejn l-ammont hawn determinat u s-somma depozitata taht l-Awtorità tal-Qorti bic-Cedola ta' Depozitu Nru. 2202/11 fl-ismijiet Giselle Bennie v. Clinton Zammit, mill-11 ta' Ottubru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**